## *Sketch* intenzjonata li tgħin lil studenti tal-primarja jifhmu x'inhu l-NCF.

Miktub minn Audrey Gauci bil-għajnuna ta' Elizabeth Saliba

Liżu: NCF, riforma fl-iskola, kurrikulum......issa jien naf dal-kliem xi jfisser? Minn fejn ġabuh? Mhu qed nifhem xejn!

Drina: Toqgħodx tinkwieta, issa ngħinek jien....xejn ta' barra minn hawn. Bħalissa qed isir ħafna tibdil fl-iskejjel tagħna. Jien naf għax ommi għalliema u smajtha titkellem. Issa, aħna t-tfal, irridu ngħidu kif nixtiequ li tkun l-iskola tagħna – u għandna ċans ngħidu x'nixtiequ. Għalhekk Ms Psaila qaltilna biex nikkummentaw fuq l-NCF.

Liżu: Il-marelli karamelli, kemm se ngħid affarijiet....*swimming pool*, xejn *homework*, ħafna iktar logħob, *outings* bl-addoċċ, siġar kullimkien, *break* twil ħafna.....

Drina: Ow ow ow...bil-mod! Skola ħa tibqa' ta, mhux se ssir *playing field*! Imma semmejt ħafna affarijet importanti – *homework*, siġar, *break* twil.... Dawn kollha nistgħu nsemmuhom – u nistgħu ngħidu x'nistgħu nagħmlu biex jidħlu permezz tagħna t-tfal.

Liżu: Miniex nifhem. Nagħmluhom aħna? Kif?

Drina: Ara – ħa ntik eżempju. Int semmejt iktar siġar. Jien qiegħed fil-kumitat EkoSkola fejn għandna ċ-ċans nitkellmu u nipproponu kif nistgħu ndaħħlu iktar siġar fl-iskola, nikkuntattjaw lill-kunsill lokali biex jgħinna, nistiednu ġenituri biex jagħtu sehemhom u ħafna affarijiet oħra bħal dawn. Hekk, is-siġar inkunu daħħalniehom aħna, ovvjament bl-għajnuna ta' min jista' jgħinna.

Liżu: Tajba din. Għoġbitni. Imma xħin tiltaqgħu intom, għid? Qatt ma smajt biha din il-lezzjoni jien.

Drina: Le, x'lezzjoni. Aħna fil-*break* niltaqgħu.

Liżu: Fil-*break*? U mhux hekk nagħmel! Jien kont se nipproponi li jkollna iktar *break*, u se noqgħod niltaqa' fil-*break*?

Drina: Għandek raġun. Taf x'qed naħseb? Għax ma nipproponux li jkollna ħin apposta biex niltaqgħu fih? L-NCF jitkellem fuq kollox ta –

nistgħu nipproponu kif nixtiquha tkun it-*timetable*. Ħa nniżżilha ta – ħin biex jiltaqa' l-kumitat u li ma jkunx waqt il-*break*.

Liżu: Mela, s'issa niżżilna iktar siġar, *break* itwal, ħin għal-laqgħat...Nistgħu nniżżlu lezzjonijiet mhux fil-klassi u iktar *outings*? Taf kemm taqbiżli 5 sigħat ġewwa jien!

Drina: Taf x'nistgħu nagħmlu? Bidla fuq kif isiru l-lezzjonijiet!

Liżu: Pereżempju?

Drina: Pereżempju, jekk inkunu se ngħoddu fil-*maths*, flok noqogħdu ġewwa noħorġu barra u ngħoddu fjuri, pjanti differenti, skart li hemm mormi mal-art – u fl-istess ħin, apparti li nkunu barra, inkunu qed nitgħallmu iktar fuq l-ambjent ukoll.

Liżu: U nistgħu, pereżempju, flok niktbu komponiment fuq xi ħaġa oħra, niktbu fuq x'nistgħu nagħmlu biex ikollna skola aħjar – ittra lis-sindku, ittra fil-gazzetti, artiklu għall-ġenituri fuq il-*website* – u l-istess xogħol li nagħmlu għall-*homework* jintuża għal xi ħaġ'oħra wkoll li tkun utli!

Drina: U nistgħu nagħmlu *slogan* b'dak li nsibu u npinġuh fil-lezzjoni tal-Art, jew indaħħluh fil-lezzjoni tal-Kompjuter.

Liżu: Kos, taf x'qed naħseb? Il-ġimgħa l-oħra kellna lezzjoni tat-*thinking skills* fejn bdew jagħtuna metodi li nistgħu nużaw biex insolvu problemi. Jekk fl-iskola għandna problema ta' tfal li qed jarmu fl-art, nistgħu nużaw it-*thinking skills* biex naraw kif ħa nsolvuha.

Drina: ...u tgħaqqadha mar-responsabbiltà tagħna li nieħdu ħsieb id-dinja...għamilnieha fil-lezzjoni tar-Reliġjon din!

Liżu: ....u mar-responsabbiltà tagħna bħala ċittadini. Semmejna xi ħaġa fil-lezzjoni tal-Istudju Soċjali!

Drina. Kos, taf kemm niffrankaw ħin hekk kieku! L-istess lezzjoni tista' tidħol fis-suġġetti kollha. Taf li din imsemmija fl-NCF? Hemm miktub li l-ESD irid jidħol fis-suġġetti kollha.

Liżu: ESD? B'liema lingwa qed titkellem int, għid?

Drina: ħeħe. *Education for Sustainable Development*. Tgħidx kemm nitkellmu fuq żvilupp sostenibbli fl-EkoSkola. Xejn speċjali Liżu. Kemm

tara li dak li tagħmel ma jqiegħedx f'periklu l-futur ta' ħaddieħor. Pereżempju, jekk jien ħa nuża pitazz, li naf li ġej mill-karti, u li naf li ġejjin mis-siġar li qegħdin dejjem jonqsu.....

Liżu.....ma nagħmilx *homework* biex ma naqtax siġar! Ill, kemm qed jogħġobni l-NCF!

Drina: ħeħe. Le Liżu. *Wishful thinking* jgħidulu dak! Imma nista' nnaqqas il-ħela, karti nużahom minn żewġ naħat, jekk possibbli jibda jsir *homework* bl-*email* biex niffrankaw karti u printing, iktar xogħol fuq l-*interactive whiteboards*, il-Kap tal-Iskola tibgħat kollox *email*, *notepads* flok pitazzi, *ebooks* flok kotba pprintjati...dawn kollha nistgħu nniżżluhom fis-suġġerimenti tagħna ta' kif l-iskola ssir iktar sostennibbli.

Liżu: Mur fehemha 'l ommi li flok nikteb se noqgħod nilgħab bil-kompjuter...għax għaliha fuq il-kompjuter logħob biss!

Drina: Mela ma tafx li l-NCF qed jissuġġerixxi li ndaħħlu iktar lill-ġenituri fl-iskola? Hekk ikunu jafu iktar x'inhu jiġri.

Liżu : U nistgħu ngħidulhom biex dak li nagħmlu l-iskola nkompluh id-dar, mhux ommi ma tridx taf li tibda tirriċikla l-iskart! Iktar xogħol qalet – mur ara x'differenza tagħmel li flok tarmi f'barmil tarmi f'ieħor!

Drina: U mhux hekk biss Liżu. Indaħħlu naqra iktar kuxjenza fuq kif dak li nagħmlu aħna jaffettwa anke lil nies inqas ixxurtjati – pajjiżi tat-tielet dinja li qed ibatu minħabba l-egoiżmu tagħna. Kull meta nħammġu l-arja qed inkunu kawża tal-problema tat-tibdil fil-klima li qed jikkawża problemi kbar sew lilna u sew lil min jgħix barra.

Liżu: Ħeq, x'nagħmlu? Nibdew niġu bir-rota biex ma nħammġux l-arja jew?

Drina: Għala le? Mela. Dik waħda mis-soluzzjonijiet.

Liżu: Int qed tiċċajta? U fejn nagħmluha r-rota?

Drina: U mhux għalhekk qed nagħtu l-opinjoni tagħna bħalissa? Ngħidulhom li rridu post fejn nipparkjaw ir-roti, *lockers* biex inħallu kotba u pitazzi l-iskola, u jekk jista' jkun insaqsu anke għal *bicycle lanes* fl-irħula. Kull qatra tgħodd!

Liżu: Imma ma taħsibx li dawn l-affarijiet ħa jinvolvu spejjeż kbar u ħa jgħidulna li m'għandhomx minn fejn? Issa xbajna nisimgħuha dil-qanpiena, eh.

Drina: Mela. Imma aħna xorta nistgħu nipproponuhom, imbagħad nimxu minn hemm. Ma nistgħux naqtgħu qalbna minn qabel. Nistgħu wkoll nitolbu l-għajnuna tal-kunsill lokali għax, wara kollox, aħna parti mil-lokalità tagħhom u nħallu effett kbir fuq xulxin.

Liżu: Kemm ħa nidħlu f'dettalji marelli! Dawn vera ħa jagħtu kas ta' li ħa ngħidu aħna?

Drina: Ħeq, għalhekk talbuna nikkummentaw, eh, biex jaraw aħna kif naħsbuha. Mhux bilfors kulma nipproponu se jsir, imma mhu ħa nitilfu xejn jekk nippruvaw.

Liżu:  Taf x'se nagħmel jien? Ħa niddiskuti dawn l-affarijiet kollha ma' tad-dar, ħalli huma wkoll jgħidu kif jaħsbuha. Naħseb Ms Psaila vera ħa tieħu pjaċir bina għada bil-kummenti li ħa ntuha!

Drina: Malli kulħadd itiha l-kummenti tiegħu se nibagħtuhom lil min qed jieħu ħsieb l-iskejjel. Iġri jasal is-sena d-dieħla ħalli nibdew naraw il-bidla fl-iskejjel tagħna!